MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2014

Numru. 781/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Josef Mario Friggieri**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' l-Erbgha 20 ta' Awwissu, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Josef Mario Friggieri ta' 30 sena bin Joseph u Mary nee' Micallef, imwieled il-Pieta' nhar it-28 ta' Novembru 1983, residenti 7, Flat 3, Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 593283(M):

1. Talli nhar il-20 ta' Awwissu 2014 ghal habta tad-0930hrs gewwa l-parking area tal-isptar Mater Dei , Msida, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Raymond Leonardi, f'periklu car, hebb ghall-istess Raymond Leonardi detentur tal-karta ta' l-identita' numru 96657M u kkagunalu offizi gravi kif iccertifikat minn Dr David Grima Medical Registration Number 3588 MD u dan bil-ksur tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(d)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Raymond Leonardi u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qieghed jinstab hati l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri , il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux netta mhix allarmanti u kif ukoll il-fatt li l-imputat skuza ruhu ta' l-akkadut w allura ddispjacih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum. U b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta′ liberazzjoni kondizzjonata u f′kaz li jikser l-ordni ta′ protezzjoni.

Kopja ta′ din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------